MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1100/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Loreto Attard u l-istess Loreto Attard**

**Vs**

**Martin Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm1,153.72c (elf u mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) minghand il-konvenut liema ammont jirraprezenta danni kkagunati wara incident ta' traffiku.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li ma kienx responsabbli ghal incident u li d-danni huma kkontestati.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li Gude Taddeo Xuereb qal li kien qed isuq xarabank, waqaf fuq l-istage qed jistenna passigier meta l-konvenut laqat ix-xarabank fuq il-genb tal-lemin. Imbaghad kein hemm karozza ohra li dahlet fil-karaozza tal-konvenut.

Loreto Attard xehed li kien qed isuq mill-Marsa fid-direzzjoni tal-Belt. Kienet ix-xita, hu kien fejn is-central strip. Quddiem Attard kien hemm il-karozza tal-konvenut. Il-karozza tal-konvenut kisret fuq ix-xellug u habtet max-xarabank. Attard qal li ghalhekk applika l-engine brake u l-brake izda ma setax iwaqqaf il-karozza u habat mal-karozza misjuqa mill-konvenut.

Martin Borg qal li dak in-nhar kienet ix-xita. Hu kien fuq il-lane ta’ gewwa, quddiemu fuq ix-xellug kien hemm xarabank wieqaf. Borg qal li x-xarabank kellu l-indicator mixghul. Borg haseb li x-xarabank se johrog, ghafas il-gie mbuttat ghan-naha l-ohra tat-triq. Meta gara l-habta ma’ Loreto Attard, Borg kien dige waqaf u kien hiereg mill-karrozza biex jara x’gara.

Ikkunsidra li l-versjoni li l-partijiet taw fil-kawza huwa kkonfermat mill-versjoni li huma taw lil Pulizija li nvestiga l-incident.

Fil-kollizzjonijiet dak li huwa mportanti biex tigi stabbilita r-responsabbilita ghad-danni huma l-fatturi rilevanti u determinanti ghall-habta u mhux id-diversi imperfezzjonijiet fir-regolamentazzjoni tas-sewqan da parti tas-sewwieqa li ma jkollhom ebda incidenza fuq id-determinazzjoni tal-htija. (ara Mallia vs Azzopardi PA. 27/2/1990 Imhallef G. Mifsud Bonnici).

Illi f’dan il-kaz l-incident gara ghaliex il-konvenut haseb li x-xarabank kien se johrog minn postu, ghafas il-brake u skidja u b’rizultat ta’ dan habat max-xarabank u spicca ghan-nofs tat-triq. Gie ritenut mill-Qrati taghna li f’materja ta’ skid il-principju regolatur hu li skid wahdu la hu prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun

indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti.  Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilita nonostante l-iskid; jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun inevitabbli.

Il-fatt li kien hemm xita mhix spjegazzjoni bizzejjed biex jiggustifika l-iskid.  Il-konvenut kellu jzomm kontrol bizzejjed fuq il-karozza tieghu u jevita li jahbat u jispicca fin-nofs.  Il-fatt li l-konvenut spicca fejn spicca fit-triq huwa sinjal li kien ghaddej b'velocita aktar milli jmissu f'dawk il-kundizzjonijiet.  Borg gie mix-xellug tat-triq ghal fuq il-lemin.  Ma kienx hemm bizzejjed hin sabiex Attard jevita l-incident.  Hemm diversi sentenzi li jikkonfermaw li jekk ikun hemm "change of direction" hija dik il-karozza li bidlet il-lane li ghandha tinzamm responsabbli.  Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ddikjarat unikament responasbbli ghal incident.

Id-danni ma gewx kkontestati, gew esebiti l-ircevuti u jidhru ragjonevoli.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad ir-risposta, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident u jikkundannah ihallas Lm1,153.72c (elf u mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Ottubru, 2001 kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------